It-Tnejn

Ir-Raba' ġimgħa tas-salterju

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

INNU

Mulej, Missier id-dawl, fit-tjieba tiegħek,
keċċi minn moħħna d-dlam tad-dnub u l-ħażen,
agħtina li niżżejnu biss bid-dija
tal-grazzja tiegħek.

Issa li għadda l-jum bit-taħbit tiegħu,
inġbarna biex inroddu ħajr lil ismek,
għax int żammejtna qawwijin f'saħħitna
matul ħidmietna.

Id-dawl tal-jum ġa naqas, u fid-dalma
tal-lejl dalwaqt jinsatru l-ħwejjeġ kollha;
int, Xemx ħanina, ibqa' iddi fuqna
fil-mistrieħ tagħna.

Aħsel lil ruħna b'raġġ tas-safa tiegħek,
roddilha l-bjuda tat-twelid ġdid tagħha,
biex, waqt l-irqad tal-ġisem, tibqa' tishar,
tistenna lilek.

Alla Missier, nagħtuk kull ġieħ u glorja,
lilek, lil Ibnek u 'l-Ispirtu s-Santu,
li sa minn dejjem kbira s-saltna tagħkom,
u tibqa' għal dejjem. Amen.

SALMODIJA

Ant. 1 Roddu ħajr lill-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
L-Għid: Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid, hallelujah.

Salm 135 (136)
I
Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Hu waħdu jagħmel għeġubijiet kbar *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Li firex l-art fuq l-ilmijiet, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Li għamel id-dwal il-kbar, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq il-lejl, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Ant Roddu ħajr lill-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Ant. 2 Kbar u ta' l-għaġeb l-għemejjel tiegħek, Mulej, Alla li tista' kollox.
L-Għid: Aħna nħobbu lil Alla, għax hu ħabbna l-ewwel, hallelujah.

II
Hu darab l-Eġizzjani f'uliedhom il-kbar, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

U ħareġ lil Iżrael minn ġo nofshom, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Ħariġhom b'id qawwija u bi driegħ merfugħ, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Hu feraq fi tnejn il-Baħar tal-Qasab, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U għadda lil Iżrael minn ġo nofsu, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Ġarraf il-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu
fil-Baħar tal-Qasab, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Hu mexxa fid-deżert il-poplu tiegħu, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U xejjen slaten qawwija, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Qered slaten kbar, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Qered lil Siħon, sultan ta' l-Amurrin, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U 'l Għog, sultan ta' Basan, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U l-art tagħhom qassamha b'wirt, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
B'wirt lil Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Meta konna magħkusin ftakar fina, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U ħelisna mill-għedewwa tagħna, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Lil kulħadd hu jagħti l-ikel, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lil Alla tas-smewwiet, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Ant. Kbar u ta' l-għaġeb l-għemejjel tiegħek, Mulej, Alla li tista' kollox.
Ant. 3 Alla ried li, meta tasal il-milja taż-żminijiet, kollox jinġabar taħt Kristu.
L-Għid: Mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna grazzja fuq grazzja, hallelujah.

Kantiku (Ef 1,3-10)

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, *
li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali,
fis-smewwiet, fi Kristu.

Hekk hu għażilna fih, †
sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, *
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa
quddiemu fl-imħabba;

iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi †
permezz ta' Ġesù Kristu, *
skond ma għoġob lir-rieda tiegħu,

għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, *
li biha mliena fl-Għażiż tiegħu.

Fih aħna għandna l-fidwa, bid-demm tiegħu, *
il-maħfra tad-dnubiet.

skond l-għana tal-grazzja tiegħu, *
li biha fawwarna fl-għerf u l-għaqal kollu:

hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu, †
skond il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, *
u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet:

jiġifieri, li kollox jinġabar taħt Ras waħda, li hu Kristu, *
kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema.

Ant. Alla ried li, meta tasal il-milja taż-żminijiet, kollox jinġabar taħt Kristu.

LEZZJONI QASIRA 1 Tess 3,12-13

Jalla l-Mulej ikattar u jfawwar fikom l-imħabba tagħkom għal xulxin u lejn kulħadd, l-istess bħalma nħobbu aħna lilkom, ħalli jqawwilkom qalbkom u

jkollkom qdusija bla għajb quddiem Alla u Missierna għal meta jiġi Sidna Ġesù Kristu mdawwar bil-qaddisin tiegħu.

RESPONSORJU QASIR

R. Isma' leħni, Mulej, * Jiena u nsejjaħlek. Isma'.
V. Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek, * Jiena u nsejjaħlek.
Glorja. Isma'.

Ant. tal-kant. ta' Marija Tfaħħar dejjem ruħi l-kobor tiegħek, Alla tiegħi.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Glorja …

Ant. tal-kant. ta' Marija Tfaħħar dejjem ruħi l-kobor tiegħek, Alla tiegħi.

PREĊI

Ġesù ma jitlaqhomx lil dawk li jittamaw fih. Nagħmlulu talba umli ngħidulu:
Alla tagħna, isma' t-talb tagħna.
Kristu Ġesù, Xemx divina tagħna, dawwal lill-Knisja mqaddsa bid-dawl tiegħek:
- agħtiha li xxandar lill-ġnus il-misteru kbir ta' Alla li deher fostna bħala bniedem.
Ħares is-saċerdoti u ministri tal-Knisja tiegħek:
- żommhom fidili fix-xandir tal-kelma tiegħek u fis-servizz li jagħtuk.
Int xerridt demmek biex tagħti s-sliem lid-dinja:
- biegħed l-inkwiet minn art twelidna u minn kullimkien.

Xerred il-kotra tal-grazzja u l-barka tiegħek fuq il-miżżewġin kollha:
- għinhom biex b'mod iżjed perfett juru fihom infushom il-misteru tal-Knisja tiegħek.
Ħenn għal ħutna l-mejtin kollha u aħfrilhom dnubiethom:
- seħibhom mal-qaddisin tiegħek fl-hena ta' dejjem.

Missierna

Talba

Ibqa' magħna, Mulej Ġesù, issa li riesaq il-lejl, u kun il-wens tagħna fit-triq, biex il-ħniena tiegħek tqawwilna qalbna u twettaqna fit-tama, ħalli nagħrfuk fl-Iskrittura u fil-qsim tal-ħobż ma' ħutna. Int li int Alla, u tgħix u ssaltan ma' Alla l-Missier flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem.

Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
Amen.